**Eżerċizzju 2: Ikteb l-oppost tal-kelma b'sing taħtha** **(15-il marka)**
**(eż: twil – qasir)**

1. Raw tifla sabiħa ġġorr qattusa ______________ .
2. __________ kmieni għax raqad inkwetat.
3. L-indafa hija importanti għas-saħħa kif il-________ huwa ta' deni.
4. Tagħmilx l-affarijiet bl-addoċċ imma bil- ______________ .
5. Anna hi mara _________ imma oħtha mbaċċa sew.

## Taqsima Ċ Lingwa

**Eżerċizzju 1: Fil-Malti nużaw il-kuluri biex niddiskrivu xi ħaġa:** **(15-il marka)**
**(eż: Isfar mewt)**

**Kompli dawn li ġejjin:**

1. Toni libes libsa ___________ silġ.
2. Karmenu jistħi ħafna u ta' spiss isir ___________ nar
3. Marija tant qagħdet fix-xemx li saret ___________ tuta
4. Ġanni bniedem kattiv ħafna u kien _____________ħaxix
5. Tant kien ilu marid li wiċċu sar ____________ lellux.

**Eżerċizzju 2: Imla l-vojt bil-kelma li jonqos fil-qawl** **( 15-il marka)**

1. Min jorqod ma jaqbadx _____________.
2. Min jiftaħar jaqa' l- __________________.
3. Il-baħar żaqqu ratba u ______________ iebsa.
4. Min jilgħab man-nar ______________.
5. Min ifittex _______________.

**TMIEM**



# Eżami għall-Post ta' Messaġġier tal-Qorti fid-Dipartiment tal-Qrati tal-Ġustizzja, Malta

## Marzu 2017

**Il-Malti** **Ħin: Siegħa u nofs**

**IL-KITBA KOLLHA TRID ISSIR FUQ L-ISKRITT IPPROVDUT.**

## Taqsima A - Fehim it-Test (40 marka)

*Aqra sewwa din is-silta u wara wieġeb l-eżerċizzji kollha dwarha.*

### Kull Deni Ħudu b'Ġid

*Ġużè Galea ... Ġrajja tal-Gwerra*

Wara nofsinhar ta' ġurnata kerha ta' Frar. Is-sema mgħajjeb, l-arja mċajpra, is-sħab lewn il-kubrit. Kull fejn tħares dwejjaq u tiġrif u ħerba; imkien xaqq dawl, imkien fewġa ta' faraġ; taqtigħ il-qalb u biża' kienu jaħkmu fuq in-nies, kull fejn idawwar għajnejh ma kienx jilmaħ ħlief dwejjaq u swied il-qalb: it-tfal ħiemda, l-irġiel ħosbiena, in-nisa mbikkma. Malta kienet maħkuma minn niket kbir u qlub il-Maltin kienu donnhom iddakkru mill-hemm li kien isaltan fuq din il-gżira.

Fil-Ġnien tal-Mall iltaqgħu bla ħsieb żewġ żgħażagħ li għalkemm donnhom ma xtaqux jaraw lil xulxin, mil-leħħa li feġġet f'għajnejhom u mill-fawra li telgħet għal wiċċhom, wieħed sata' jaħseb li qlubhom ma kinux jistmellu lil xulxin. Għall-ewwel bħal infixlu u baqgħu bejn ħalltejn jekk jiqfux ikellmu 'l xulxin jew isellmux biss u jibqgħu sejrin, iżda mbagħad iż-żagħżugħ donnu rebaħ lilu nnifsu, bexxaq fommu fi tbissima ħelwa, resaq fuq it-tfajla u qalilha bi ħlieqa: "Hawn x'qiegħda tagħmel waħdek? Qiegħda tgħodd il-weraq li fihom ix-xtieli?"

It-tfajla bħal infixlet u ma għarfetx twieġeb; hu reġa' qal: "Aħjar ma titbiegħedx mix-xelter, Ineż! Illum dawn l-għefiered tal-ajru ġejjin u sejrin!"

Ineż qrat f'għajnejn iż-żagħżugħ il-ħrara li biha qalbu kienet tħabbat għaliha u weġbitu: "Tħajjart noħroġ passejn wara l-ikel, Bert. Kemm iddum imkenna fix-xelter?"

Bertu deher imħasseb, imbagħad staqsa: "X'fettillek ħriġt waħdek?"

Ineż dehret imħawda għal din il-mistoqsija u biex tbiddel il-kliem staqsietu: "Int fejn sejjer, Bert?"

"Sejjer l-isptar għax fl-erbgħa nidħol għassa."

"Daż-żmien għandkom x'tagħmlu t-tobba."

"Mhux għalhekk studjajna!" U mal-aħħar kelma t-tifkira tal-imgħoddi donnha dallmet ġbin iż-żagħżugħ, għax meta kien għadu student hu u Ineż kienu miġbudin b'imħabba l-aktar safja u qlubhom kienu jħabbtu għal xulxin bi ħlewwa liema bħalha; iżda mbagħad, ħtija ta' xi bluha taż-żgħożija u bla ma jafu sewwa għaliex, bħal intrefgħu minn xulxin, tbiegħdu u nfirdu wieħed mill-oħra, iżda kull meta jiltaqgħu fit-triq, għajnejhom kienu jħarsu b'leħħa ta' hena u qlubhom kienu jferfru bi tqanqila ta' faraġ.

**Eżerċizzju 1: Agħmel sinjal taħt Veru jew Falz skont is-silta.** **(10 marki)**

1. Il-ġrajja sseħħ f'ġurnata ta' bnazzi. (Veru / Falz)
2. Il-Maltin kienu qalbhom mimlija. (Veru / Falz)
3. Il-laqgħa ta' bejn iż-żewġ żgħażagħ seħħet fil-Furjana. (Veru / Falz)
4. Mill-ewwel Bertu u Lina tkellmu b'kunfidenza. (Veru / Falz)
5. F'żgħożithom Bertu u Lina nqatgħu minn ma'xulxin. (Veru / Falz)



**Eżerċizzju 2: Agħmel sing taħt il-kelma/frażi li taqbel mas-silta.** **(10 marki)**

1. Dak inhar il-ġurnata kienet (ċara, mgħajba, xemxija, sabiħa)
2. Il-laqgħa bejniethom kienet (miftiehma, mixtieqa, maħsuba, bla mistennija)
3. Bertu kellem lil Ineż b'(rabja, indifferenza, ċajta, disprament)
4. Ineż kienet hemm (passiġġata, bilqiegħda fuq bank, tiġri, taqra)
5. Bertu kien sejjer l-isptar għax kien (infermier, għassies, tabib, skrivan)

**Eżerċizzju 3: Mis-silta sib il-kelma n-nieqsa biex tkompli s-sentenza.** **(10 marki)**

1. Bertu u Ineż kienu bejn __________ jekk ikellmux lil xulxin.
2. Malta kienet maħkuma minn _________ kbir.
3. Bertu kien fi triqtu lejn l-isptar għax kellu jidħol ____________.
4. Kien fi __________ meta seħħet dil-laqgħa.
5. Ineż intebħet bil-_______ taż-żagħżugħ minn għajnejh.

**Eżerċizzju 4: Ikteb it-tifsira tal-frażi/kelma skont il-kaxxa t'hawn taħt.** **(10 marki)**

*kumbinazzjoni ... ittieħdu ... b'ċajta ... niket ... bla tama*

1. imkien xaqq ta' dawl ____________________
2. bi ħlieqa ____________________
3. bla ħsieb ____________________
4. iddakkru ____________________
5. swied il-qalb ____________________

## Taqsima B Grammatika

**Eżerċizzju 1: Ikteb il-plural miksur ta' dawn il-kelmiet:** **(15-il marka)**
**(eż: sodda – sodod)**

tieqa ____________

ħoss ____________

ġisem ____________

qattus ____________

ġnien ____________